**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 47/K6/11

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 04/08/'11 276**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 04/08/'11 331**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 4 t'Awwissu 2011.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.1.02 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 t'Awwissu 2011. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Attivita' *Clean Up The World*
4. Il-Festa ta' San Ġiljan
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 46/K6/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 46/K6/11.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Viċi Sindku wasal fl-3.40 p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

4206 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.

4218 Ittra mingħand l-Industrial Projects & Services Ltd. rigward *re-painting* tar-*Road Markings*.

4220 Talba mingħand St. Julian's Scout Group biex ikunu jistghu juzaw il-pump room ta' faccata il-Park Towers.

4226 Email mingħand l-Asoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward studenti Ġermaniżi.

4245 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 66/2011 – Skema ta' finanzjament għal titjib fil-*Playing Fields* eżistenti u formola ta' reġistrazzjoni.

4248 & K908 Ittra mingħand il-MEPA u ittra lil Perit Stephen Farrugia rigward il-permess PA/01852/10, is-sit fi Triq Anglu Mikiel Borg, Triq Mikiel Anton Vassalli San Giljan.

4288 Ittra mingħand il-WasteServ Malta Ltd rigward ħlas dovut għal rimi ta' skart fi propjeta' amministrata minnhom.

K887 Ittra lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-ħlasijiet pendenti mal-WasteServ Malta Ltd.

4266 & 4326 Ittra u email mingħand is-Sur David Soler dwar id-dħul mill-LES.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 4206

2.02 Saret riferenza għal e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012. Is-Segretarju Ezekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata dwar l-applikazzjoni mehmuza ma' Memo 65/2011. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi:-

- ssir applikazzjoni għal 'Il-Festa ta' Lapsi';

- jiġi allokat l-ammont ta' €3,500.00c mill-fondi tal-Kunsill skont il-budget tas-sena d-dieħla;
- jinħareġ avviz biex min hu nteressat fl-organizzazjoni ta' attivitajiet javviċina lill-Kunsill.

Rif. Nru. 4220

2.03 Saret riferenza mingħand St. Julian's Scout Group biex ikunu jistgħu juzaw il-*pump room* ta' faċċata il-Park Towers. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni għat-talba li saret dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet ikkonċernati.

Rif. Nru. 4226

2.04 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward studenti Ġermaniżi. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma sibx oggezzjoni li zewġ studenti Ġermanizi jattendu l-Kunsill bejn it-Tnejn 26 u l-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2011.

Rif. Nru. 4245

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 66/2011 – Skema ta' finanzjament għal titjib fil-*Playing Fields* eżistenti u formola ta' reġistrazzjoni. Ġie deċiz unanimament li din il-Memo tintbagħat lill-MP&DC sabiex tingħata stima tax-xogħlijiet kollha li hemm bzonn li jsiru biex jiġi rranġat il-kumpless Dun Anton Sciberras flimkien ma spjegazzjoni qasira sabiex issir l-applikazzjoni taħt din l-iskema.

## 3 Attivita' *Clean Up The World*

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku Peter Bonello ġie avviċinat minn rapprezentat tal-McDonalds sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tiġi organizzata l-attivita' tal-Clean up the world biex titnaddaf il-Bajja ta' Spinola. Din

l-attivita' ser issir fit-18 ta' Settembru 2011 mid-9:00a.m. sal-11:00a.m. Il-McDonalds ser jipprovdi l-għodda għat-tindif flimkien ma' T-shirt u meal għal kull minn jipparteċipa. Il-Kunsill mitlub isib madwar 50 persuna jew aktar biex jipparteċipaw f'din l-attivita'.

3.02 Ġie deċiż li jsir avviż dwar din l-attivita' fil-magazine, u fin-notice boards tal-Kunsill.

**4 Il-Festa ta' San Ġiljan**

4.01 Fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Ġiljan ġie deċiż unanimament li, bħas-snin li għaddew:-

- l-Kunsill jagħmel bibita għall-bandisti u l-kumitati taz-zewġ baned tal-lokal u jiġi allokat bejn €500 u €700 għaz-zewġ attivitajiet.

4.02 Il-Kunsill qabel unanimament li jekk il-Pulizija u l-Kappillan ma jsibux oġġezzjoni l- kabbani jarmaw anke fejn hemm postijiet abbandunati.

**5 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3054 sa 3059 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3054 sa 3059.

6.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7 Materji Oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Nhar il-Ġimgħa 5 t'Awwissu 2011, fil-11.00a.m. ser isir il-kejl tax-xogħolijiet li saru tal-patching. Min jrid jattendi, il-contracts manager u l-kuntrattur ser jiltaqgħu ħdejn il-Knisja Parrokjali Lapsi;

- Inħareġ l-avviż għall-offerti għall-Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern f'Ta'Giorni. Dawn jagħlqu nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011;

- It-tender tal-Contracts Manager jagħlaq f'Novembru 2011 għalhekk qed tittieħed l-azzjoni biex tinħareġ sejħa għall-offerti ;

- Ġiet eletta Ms Mary Grace Scicluna fil-Kumitat Amministrattiv Paceville ;

- Il-Viċi-Sindku ser javviċina rapprezentant minn ta' PortoMaso biex jivverifika jekk jistgħux isiru żewġ mobile toilets fil-ġnien.

7.02 Ġie deċiż unanimament li:-

- Tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Balluta;

- Jsiru erba' tarġiet fi Triq il-Klarissi int u tiela' fuq ix-xellug ħdejn il-kamra tad-dawl;

- Jintalab appuntament ma' l-Arriva mill-aktar fis possibbli dwar ir-rottot u jiġu nfurmati l-Kunsilliera kollha meta jsir l-appuntament;

- L-għada tal-Festa ta' San Ġiljan il-back office ser ikun magħluq u l-Kunsill ser ikun miftuħ sal-11.30am.

7.03 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-4.40pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |